# WARA Ż-ŻJAJJAR FIL-FAMILJI

**GRAZZI, Lilkom familji**, li lqajtu lill-missjunarji fid-djar tagħkom. Dan kien sinjal sabiħ li l-istedina li saret mill-Knisja f'isem Kristu aċċettajtuha. Ħallu lil Kristu jsaltan fid-djar tagħkom! Kristu jħobbna, u l-Knisja f'Għawdex trid tkun sinjal ta' din l-imħabba.

**NITOLBUKOM SKUŻA** jekk qbiżna lil xi ħadd, jew ħallejniiekom tistennew iżżejjed, jew forsi ħadnielkom aktar ħin milli konna tlbaniekom. Niskużaw irwieħna wkoll jekk forsi b'nuqqas ta' attenzjoni għedna xi kliem li seta' weġġagħkom.

Lil kull min kellu xi sehem biex setgħu twettqu dawn iż-żjajjar: **Segreteriji parrokkjali, missjunarji u *Streeleaders***: il-Mulej iberikkom. Komplu kunu preżenza ħajja ta' Kristu fis-soċjetà tagħna. Grazzi wkoll lis-**SAĊERDOTI** - djoċesani u reliġjużi - li offrejtu d-disponibilta' tagħhom għall-qrar, direzzjoni spiritwali u *counselling* matul il-jiem taż-żjajjar fil-familji. Grazzi lil tant nies li talbu fis-skiet u quddiem Ġesu' Ewkaristija: il-Mulej wera magħna ħwejjeġ kbar!

Lill-**FAMILJI LI JGHIXU X-XLENDI U MARSALFORN**: se niġu nżurukom fir-Randan!

*Dun Giovanni Curmi*

---

***Mill-Kalendarju Djoċesan:***

***It-Tnejn 2 ta' Frar:*** Jum il-Persuni Kkonsagrati.
***It-Tlieta 3 ta' Frar:*** Lagħa għaż-żgħażagħ Għawdxin f'Malta (Kappella tal-Universita' - 7.15p.m.
***L-Erbgħa 4 ta' Frar:*** Quddiesa għar-Reliġjużi u għall-Erwieħ Ikkonsagrati (Parroċċa Għajnsielem - 6.00p.m.)
***Is-Sibt 10 ta' Frar:*** Preżentazzjoni tat-Trabi mwielda fis-sena 2008 Santwarju Madonna ta' Pinu 4.30p.m.)
**Il-Ħadd 8 ta' Frar:** Bidu tal-Ġimgħa tal-Morda u tal-Anzjani fid-Djoċesi / Ċelebrazzjoni Kateketika fil-Belt Valletta, fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina. (Ċelebrazzjoni taż-żewġ djoċesijiet flimkien.)

**Sir Af Aħjar lil San Pawl!**




**Kotba ġodda mil-Lumen Christi Publications**

*Dawn il-kotba jistgħu jiġu akkwistati mil-Lumen Christi Media Centre Bookshop.*

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', Mgħallem tas-sewwa, kompli wasslilna t-tagħlim tiegħek, u ifthilna qalbna għalih biex nagħrfu nagħżlu bejn it-taghlim tiegħek u dak li toffrilna d-dinja.*

gozopress • 21551534




# Bullettin tal-Ħadd

## Sena Pawlina 2008 - 2009

Ir-4 Ħadd Matul is-Sena • Sena B • L-40 Sena (2079) • 1 ta' Frar 2009

U daħlu Kafarnahum. Malajr, f'jum is-Sibt, daħal fis-sinagoga u qagħad jgħallem. In-nies baqgħu mistagħġbin bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax beda jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba. Mela jkun hemm fis-sinagoga tagħhom raġel bi spirtu ħażin u qabad jgħajjat u jgħid: "Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù ta' Nazaret? Ġejt biex teqridna? Jien naf min int: 'Il-Qaddis ta' Alla'." Imma Ġesù kkmandah: "Iskot?" qallu,"u oħroġ minnu." Mbagħad l-ispirtu ħażin lir-raġel beda jħabbtu ħafna, għajjat għajta kbira u ħareġ minnu. U lkoll stagħġbu, u bdew jistaqsu lil xulxin u jgħidu: "Dan x'inhu? X'tagħlim ġdid mogħti bis-setgħa! Sa lill-ispirti ħżiena jikkmanda, u huma joqogħdu għalih?" U l-fama tiegħu malajr xterdet ma' l-inħawi kollha tal-Galilija. (Mk 1, 21-28)



*Il-Qaddis ta' Alla*

## RIFLESSJONI

- Ġesu għadu jgħallem b'mod uffiċċjali fil-knejjes tagħna permezz tal-ministri tiegħu.
  ...Mur isimgħu
- Ġesu' għadu juri mod differenti fit-tagħlim tiegħu, mhux bħal dak li tipproponi d-dinja.
  ...It-tagħlim li jagħtik Ġesu' iġib il-vera paċi tal-qalb.
- Ġesu' huwa l-qawwa ta' Alla fuq is-setgħat tal-ħażen.
  ...Taqtax qalbek quddiem il-tfixkil mill-Ħażin. Gesu' huwa aqwa minn kull qawwa oħra.
- Ġesu' huwa l-fejqan tal-bniedem batut.
  ...Ersaq lejħ b'fidi kbira fih u urieh il-mard kollu tiegħek biex tieħu minn għandu is-saħħa fir-ruħ u fil-ġisem.